

32006R2000

28.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 379/37

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 2000/2006

tal-20 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1870/2005 minħabba fl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) Għandhom jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali sabiex jippermettu lill-importaturi mill-Bulgarija u r-Rumanija jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1870/2005 tas-16 ta' Novembru 2005 li jagħti bidu u jipprovdji għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u ta' ċertifikati ta' oriġini għat-tewm impurtat minn pajjiżi terzi ('). Dawn il-miżuri għandhom ikopru b'mod partikolari d-definizzjoni tal-kwantità ta' referenza u d-definizzjonijiet ta' importaturi tradizzjonali u ta' dawk ġodda.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1870/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1870/2005 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 5 tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) għal importaturi tradizzjonali li importaw it-tewm bejn l-2003 u l-2005 fil-Bulgarija jew fir-Rumanija, il-kwantità massima ta' tewm importat matul:

(i) jew is-sena kalendarja 2003, 2004 jew l-2005,

(') ĠU L 300, 17.11.2005, p. 19. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 991/2006 (ĠU L 179, 1.7.2006, p. 15).

(ii) inkella matul il-perjodi tal-importazzjoni 2003/04, 2004/05 jew 2005/06;

(d) għall-importaturi tradizzjonali li ma jaqgħux taħt il-punti (a), (b) jew (c), il-kwantità massima ta' tewm impurtat matul wieħed mill-ewwel tliet perjodi ta' importazzjoni konklużi li matulhom kisbu liċenzji għall-importazzjoni fkonformità mar-Regolament (KE) Nru 565/2002 jew dan ir-Regolament."

(b) it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"It-tewm li joriġina mill-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006, jew mill-Bulgarija u r-Rumanija, ma għandux jitqies fil-kalkolu tal-kwantità referenzjali."

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jagħżlu u japplikaw wieħed miż-żewġ metodi msemmija f'punt (c) għall-importaturi tradizzjonali kollha, skond il-kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiġi żgurat it-trattament ugwali bejn l-operaturi."

(2) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, fir-rigward tal-perjodi ta' importazzjoni 2006/07, 2007/8 u 2008/09, u fil-Bulgarija u r-Rumanija biss:

(a) 'importaturi tradizzjonali' tfisser importaturi, kemm jekk persuni fiziċċi jew ġuridiċi, individwi jew gruppi ta' operaturi stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, li jistgħu jippruvaw li:

(i) jkunu impurtaw it-tewm minn pajjiżi ta' oriġini barra mill-Istati Membri tal-Komunità kif kienet kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006 jew il-Bulgarija u r-Rumanija ftal-anqas tnejn mit-tliet perjodi ta' importazzjoni preċedenti konklużi;

(ii) jkunu impurtaw tal-anqas 50 tunnellata ta' frott u ħaxix kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 matul is-sena kalendarja preċedenti;

- (iii) l-importazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) ikunu seħħew fil-Bulgarija u r-Rumanija, fejn ikun jinsab l-uffiċċju ewljeni tal-importatur ikkonċernat.
- (b) ‘importaturi ġodda’ tħisser importaturi, minbarra dawk tradizzjonali fi ħdan it-tifsira tal-punt (a), sew jekk negozjanti, persuni fiziċċi jew ġuridiċi, individwi jew gruppi ta’ operaturi stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, li jistgħu jippruvaw li:
- (i) jkunu impurtaw tal-anqas 50 tunnellata ta’ frott u ħaxix kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 matul kull waħda mis-sentejn kalendariji preċedenti minn pajjiżi ta’ oriġini barra l-Istati Membri tal-Komunità kif kienet kostitwita fil-31 ta’ Diċembru 2006 jew il-Bulgarija u r-Rumanija;
 - (ii) l-importazzjonijiet imsemmija fil-punt (i) ikunu seħħew fil-Bulgarija jew ir-Rumanija, fejn ikun jinsab l-uffiċċju ewljeni tal-importatur ikkonċernat.”
- (3) L-Anness II huwa emendat kif ġej:
- (a) ir-referenza li ġejja tiġi inserita qabel ir-referenza bl-Ispanjol:
- “— *fil-Bulgaru*: Мито 9,6 % — Регламент (EO) No 1870/2005,”
- (b) ir-referenza li ġejja tiġi inserita wara r-referenza bil-Portugiż:
- “— *fir-Rumen*: Taxa vamală: 9,6 % — Regulamentul (CE) nr. 1870/2005,”
- (4) L-Anness III huwa emendat kif ġej:
- (a) ir-referenza li ġejja tiġi inserita qabel ir-referenza bl-Ispanjol:
- “— *fil-Bulgaru*: Лицензия, издана и валидна само за тримесечие от 1 (месец) до 28/29/30/31 (месец)”
- (b) ir-referenza li ġejja tiġi inserita wara r-referenza bil-Portugiż:
- “— *fir-Rumen*: licență emisă și valabilă numai pentru trimestrul de la 1 [luna] pana la 28/29/30/31[luna]”

Artikolu 2

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-suġġett għal, u fid-data, tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta’ Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni*